# Il-Musbieħ tal-Mużew

(għal Marì)

Kit Azzopardi

Elissa żbukkat mill-bokka tal-qabar, telgħet megħjuna mill-ħbula li dendlulha qrabatha, u daret lura lejn il-passaġġ li fetħu ftit tax-xhur ilu. Tefgħa ta' ġebla 'l bogħod kien hemm il-bokka taċ-ċarċara, u bħal bdiet tistħajjel 'il missierha jintelaq għal triqtu taħt wiċċ l-art u jintreħa mal-ilma fil-beraħ kaħlani tal-baħar. It-twemmin li l-mejtin jinġarru minn ħajja għal ħajj'oħra fuq wiċċ l-ilma kienu ġarrewh magħhom minn meta mxew minn Tir għal Kartaġni u minn Kartaġni għal fuq dil-gżira. Hi u tkaxkar ħarsitha tul il-fasla ħarxa ta' quddiemha u tifli wiċċ l-art, bdiet taħseb f'darha u f'missierha li ħallieha hekk, ħabta u sabta. Mexxiet ħarsitha tul il-wesgħat kbar ta' biswitha; issa, huma biss setgħu jsabbruha. Mad-daqqa t'għajn, mill-qċaċet qrib iż-Żebbiegħ, dil-art kont taħsibh'art ġarda; imbagħad, kif toqrob lejn iċ-ċarċara taraha tassew ta' li hi … Art għammiela li tibqa' ttik sa ma tittarraf u tiġġarraf minn fuq it-tafal u għal ġol-baħar. Minn hemm, imbagħad, il-kosta kienet iċċedi suritha lill-melħ li dera jqatta' u jiekol minnha, kull bajja gidma ramlija, uħud, taflija; uħud minnhom jiżbukkaw minn fondoq jew minn ħondoq għal ġo grejma jew ifuru minn fuq xi ħafa. F'xi bnadi, kien baqa' biss ilsien blat jilgħaq il-melħ, u fi bnadi oħra – xogħol ħalbiet ta' xita jċaqċqu l-art – kont tilmaħ bank tar-ramel f'nofs il-bajja.

Hi u tħares lejn dan kollu, Elissa ħasbet kif l-art li ħaddmitha u li tħaddem b'idejha għamlitha dik li hi, u kif l-aħħar tislima lil missierha kellha tkunilha l-aqwa għaża.

* * *

M'għand ommi ħadt is-sengħa tas-servizz fit-tempju; m'għand missieri, it-tħaddim tal-art. Mhux is-sengħa tal-biedja, jo' t-tnaġġir tal-ħaġar, jo' saħansitra dik tat-tinqix, imma t-tħaddim tat-tafal: mill-għażla u t-tħejjija tiegħu, sal-għaġna u l-ħami sa ma lewnu jiħmar.

Niftakar kif ladarba għaddew biżżejjed sjuf minn fuqi, missieri beda jeħodni miegħu biex niġbru t-tafal, speċjalment wara xi ħalba. Bl-ilmijiet, it-tafal kien ikun ixxarrab biżżejjed biex nagħġnuh b'idejna; ma' missieri tgħallimt nara hux tajjeb biżżejjed biex inħaddmuh u nagħtuh in-nar fil-fran ta' wara darna. Wara ħafna żlieq u grif biż-żrar li kien jinfilsa ruħu fit-tjun ta' taħt saqajna, konna ntellgħu t-tafal sal-quċċata, ngħaffġuh roti roti daqs pala tal-id, naħbuh, u nħalluh jinxef biex jeħfief mill-ilma li jkun fih.

Daqs jumej' wara, imbagħad, konna mmorru bil-bhejjem, b'xi gendus minn tagħna u b'bhim'oħra ta' qaribna, u ngħabbu kollox għal ġol-qfief marbuta ma' ġenbhom. Meta l-ħażna tafal li nkunu ġbarna fix-xitwa kienet tasal fi tmiemha f'nofs is-sajf, ix-xiħ kien jeħodni niġbru t-tafal mill-widien u minn qrib għejun oħra tal-ilma. Kien jgħidli li t-tafal t'hawn aħjar għax mhux mifqugħ melħ, imma li fix-xitwa mhux lakemm tiġbru minħabba l-gliegel li jgħaddu minn hemm.

Xħin naslu d-dar, konna naħżnu t-tagħbija tafal biex nieħdu minnha skont il-bżonn. Biex naħdmuh sew konna l-ewwel infarrkuh u naħsluh u ngħarbluh ħa nneħħu kull ħjiel ta' żrar u frak ieħor, ta' zkuk u weraq u bebbux. Imbagħad, nibdew nagħtuh forma. Missieri qatt ma kien jieqaf jaħdem il-fuħħar; xi minn daqqiet għalina, imma ħafna u ħafna drabi kien jaħdmu għan-nies tar-raħal u drabi oħra anke għal ta' rħula oħra. Ġieli, qalli, kien ikollu xogħol għal barra u dak – terġa' – kien jaħdmu b'attenzjoni akbar u jitlob għalih ħlas ogħla.

Lil missieri kont nilmħu l-ħin kollu milwi fuq it-tafal, jien u ngħin ’l ommi, saċerdotessa devota, tħejji lbiesha u l-offerti tal-jum għall-qadi ta’ dmirha. Kien ikun ħaġa waħda mat-tafal, missieri, u meta ommi kienet issejjaħlu u hu jweġibha lura, anke leħnu kont nistħajlu leħen tal-fuħħar.

Meta beda jerħi x-xogħol aktar u aktar f’idejja, kont bqajt nagħmel li jordnali. Daqqa nfarrak it-tafal imnixxef u ngħarblu qabel naħslu u nerġa’ ngħaddih minn għarbiel idjaq, daqqa nagħġnu fuq li nagħġnu biex inġibu għaġna tajba biżżejjed għall-għamliet li rrid, u daqqiet oħra nitfgħu fuq it-torn u nilgħab bih skont il-qisien li jordnali.

Kien fl-istess żmien li missieri beda jagħtiha aktar u aktar għall-ħidma tal-għamajjar tal-mejtin, għal platti tal-fuħħar, ġarar u buqari, urni u dixxijiet, anfori, u msiebaħ għal ġol-oqbra. U aktar ma jmutu ħbiebu tamparu, aktar beda jirfina f’xogħlu. U aktar ma ġriet il-kelma dwar kif beda jaħdem it-trab tal-art f’offerti funebri fini, aktar bdew jordnawhom in-nies. L-ordnijiet ma baqgħux jaslu l-aktar minn dawk tal-binja tagħna, fejn kellu klijenti bil-bosta, imma wkoll min-naħat ta’ Ħaġrat, u aktar tard minn tal-Mas; sa ordnijiet minn Wesgħet Malet kien ikollu!

Fl-istess żmien ukoll, missieri beda jinqata’ aktar u aktar sulu sulu, u jpassi lil hinn mill-mogħdijiet tas-soltu. Beda jgħaddi minn qalb l-iġbla u l-blajtiet, u ta’ spiss bdew jarawh jimxi lejn iċ-ċarċara, u meta darba l-ġara ratu jistordi u kellha ġġorru lura fuq spallejha, ommi kellmitu u qaltlu li m’hemmx aktar skariġġi ’l hinn u ’l hawn, u kellu joqgħod għall-kelma tagħha. Iżda darba – niftakar – kienu damu jitħaddtu għad-dawl tal-imsiebaħ, u mill-għarix tiegħi stajt narahom bħal ġiex dellijiet maħbubin, bħal għasafar kbar tar-riħ jissieltu biex jinqatgħu mill-art. Kemm xtaqt immur sa ħdejhom nissemma’, dakinhar! imma kont naf li ħinhom ħinhom u mhux ħini!

L-għada filgħodu, missieri, jogħtor xi ftit u jserraħ m’għasluġ, irħielha mwieżen minn ommi sal-bokka taċ-ċarċara: Kellha tkun l-aħħar darba li għadda minn dik il-mogħdija wieqaf fuq saqajh. Hemm wera ’l ommi fejn xtaqhom ifanndu ħa jiftħu bokka għal qabru. Ix-xogħol

beda minnufih minn ulied il-ġara: Tliet ġuvintur ta' saħħa kbira li kienu jdawru xekel mill-qtugħ fil-blat. Xħin niżlu sitt piedi 'l isfel u għal kull pied ħallew m'usa' pala ta' sieq, xkatlaw sew il-qiegħa, żammew ma' 'l fejn jiġbed il-bram fil-blat, u fetħu qabar fil-ġenb. Meta lestew minn kollox reġgħu naddfu sew il-qiegħa u ferrxu ftit mill-ġebel li qatgħu u li s'issa kienu tefgħuh f'għaqba żgħira pass 'il bogħod mill-għarajfa tal-mejtin. Bl-amment nafhom passejhom! għax meta kont insib 'il min joqgħod ma' missieri, kont naħrab ħarba sa ħdejhom ħa ngħassilhom, xi drabi bl-iskuża li neħdilhom xi jrejjaqhom, drabi oħra għat-taparsi rrid nara x'tafal taf toffri l-bokka taċ-ċarċara …

Fil-ġimgħa li missieri għadda minn artna għall-art l-oħra, kien messni naħdem fuq sett imsiebaħ għas-sidien tax-xaqliba ta' Wesgħet Malet. Imma waqt li b'idejja kont qed ngħaffeġ fit-tajn tal-art, moħħi kien band'oħra u ma ngħoddhomx id-drabi li fihom ħarabli sebgħi u ħallejt il-marka tiegħi fuqhom, jonkella kemm-il darba kont nilwi ż-żnienen iżżejjed u x'naf jien. Kont intbaħt b'dawn l-għeltijiet meta kien tard wisq, wara li kont lestejt mill-ħami u bdejt niġbor f'idejja l-imsiebaħ wieħed wieħed u kull wieħed inżommu ma' qalbi. Is-sħana tagħhom, ħerġin mill-ġdid minn qalb l-art, kienet twennisni, u xi minn daqqiet, jien u nżommhom f'idejja, sebgħi kien jerġa' jsib postu fl-għafsiet li nkun ħallejt.

* * *

Petra Marì Borg, BA, MA (Melit.) – arkeologa ta' ras iebsa u qalb kbira – żbukkat mill-bokka tal-qabar, telgħet mal-ħbula li dendlulha sħabha, u ħarset lura lejn il-passaġġ l'għamlu jumej' inaddfu. Mal-platti, il-bwieqi, u d-dixxijiet, l-anfora u l-urna, kienu sabu għadd ta' msiebaħ imqiegħda madwar l-għadam. Hija u tnaddaf musbieħ minnhom, subgħajha żelaq ħelu ħelu u trekken fil-marka ta' saba' ħaddieħor. Hija u tielgħa, ħsiebha mar f'missierha nieżel taħt il-kaptelli daqs ġimgħ'ilu u fl-imsiebaħ ta' fuq qabru: Kien ħaddiem tal-id, il-pa – raġel tal-knisja u b'leħen tal-anġli. Wara sagħtejn u nofs xogħol ieħor (iniżżlu n-noti,

ifarfru t-trabijiet minn fuq is-sejbiet, u jistivawhom għal triqithom sal-Qrendi), sħabha ġibdu lejn il-karozzi, startjaw, u qabdu t-triq ’il barra miż-Żebbiegħ … iżd’hi ġibdet lejn il-Ġnejna għall-għaża tal-art. Wara l-aħħar ġimgħa, b’missierha mejjet u moħħha jtektek jum wara l-ieħor, ma basritx li se tiflaħ għal ġurnat’oħra xogħol; mehdija kif kienet, qagħdet iddawwar f’idha l-musbieħ tikk’ikbar minn arzella, b’behemha tfittex il-marka tas-saba’ … u hija u żżommu ma’ sidirha, bħal ħasset il-wens sakran tal-fran, u s-sħana ttektek minn qalb il-blat tal-art …